


# IT-TEWMIN FRANCIZI

MAQLUB GHALL-MALTI

# 1.FIL-KATIDRAL TA' RHEIMS

Ghalkemm ix-xemx tal-waranofsinhar car ta' Settembru kienet ghadha tillumina l-katidral maestuz u d-djar ta' Rheims, it-toroq tal-belt kienu diga' jinsabu fid-dell. Tispikka hafna kienet it-tieqa kbira tal-warda fil-faccata tal-katidral fuq il-bieb tal-punent. L-ahhar raggi qawwija tax-xemx kienu dehlin minnha u jdawlu b'mod fjakk il-kursija u l-kuriduri mdallma tat-tempju ta' Alla. Muzicista mohbi mill-ghajn tan-nies kien qed idoqq l-orgni kbir li flimkien ma' vuci helwa ta' kantanta zaghzugha dwew fis-skiet tal-katidral.

Ghalkemm il-knisja kienet tidher vojta minn nies, numru zghir ta' fidili kienu jitlajjaw fil-kuriduri wesghin taghha. Fosthom kien hemm xi sacerdoti u ohrajn kienu jitolbu. Fost is-



sacerdoti kien hemm Padre Varennes u f'wahda mill-kappelli laterali, boghod mid-dhul tal-katidral kien hemm ukoll Madame Meraut, gharkubtejjha, mhux titlob bhalma wiehed jista' jissoponi, izda toghrok bil-broxk l-art tal-franka.

Illum kien imiss lil  Madame Meraut li tnaddaf il-kappella zghira billi kien gej l-Abbati *( dan kien is-superjur tal-katidral)* biex jezamina t-tfal tal-Grizma. Wara li lestiet mill-hasil Madame Meraut ixxuttat idejha fil-fardal u bdiet tfarfar is-siggijiet. Wara poggiethom f'ringiela perfetta fil-kappella.

Hija kienet ghoddha lestiet meta l-Verger, *(il-Verger kien il-Mazzier tal-Katidral. Xoghlu kien li jwarrab in-nies waqt il-purcissjoni biex din tipprocedi bla xkiel. Dan kien jismu Henri.),* gie iserrah fuq il-krozzi u waqaf quddiemha. Raha wieqfa, b'idejha fuq gembejha tispezzjona li kollox kien fl-ordni.

Mill-hoss tal-bastun Madame Meraut basret li kien il-Mazzier. Daret lejh u qaltlu, "Nahseb li gejt tara li l-kappella hija nadifa bizzejjed biex tilqa' fiha lil Abbati *(L-Abbati kien is-superjur tas-sacerdoti li kienu joffru s-servizz taghhom fil-katidral)*. Hekk hu, ara b'ghajnejk stess."



Henri ittawwal fil-kappella u seta' jxomm ir-riha tas-sapun li kienet timla l-kappella. "Ma hemmx dubju li wiehed jista' jiekol minn fuq l-art nadifa tieghek," wegibha bit-tbissima. "Tassew li l-kappella hija nadifa daqs tazza." U kompla jghidilha bit-tbissima, "Nemmen li kieku haga tista' tkun inti ma taqtax qalbek li taqbad azzarin u tinghaqad ma' zewgek fuq il-fruntiera kif ukoll timla' postu hawn fil-Katidral; taghmel ix-xoghol ta' ragel bis-sahha ta' mara. Franza taghna qatt ma tista' tiddispra waqt li jkun hemm nisa bħalek."

"Jacques tieghi igorr l-azzarin u jgibu mieghu d-dar wara l-gwerra li nittama jekk Alla jrid ma ddumx ma tintemm," qalet Madame Meraut. "Sadanittant se nghin biex inzomm il-Katidral imqaddes taghna nadif. Mhuwiex

xoghol facli, imma wiehed irid jaghmel dak li jista', u zgur li huwa ahjar li taghmel dan bi tbissima milli bid-dmugh!"

Henri approva dak li qalet billi nizzel rasu darba darbtejn. "Dan hu veru," huwa qal, "izda huwa diffiċli li tbissem quddiem in-niket."

“U ghalkemm qlubna huma maqsuma ghal dak kollu li qed isehh fi Franza, jehtigilna li nitbissu ghal pajjizna u uliedna. Henri, nghidlek li meta niftakar dak li l-Germanizi ghamlu fil-Belgju u forsi jistghu jaghmlu fi Franza, inhoss demmi tiela ghar-rasi. Imma mbaghad nghid lili nnifsi, “ Kuragg Antoinette. Nuru kuragg ghal Franza taghna biex tibqa’ tezisti wara li dan il-genn jghaddi.”

Hawn Henri wegibha: “U nghidlek li s-suldati taghna jiddeffendu lil artna u ma jhallux li dak li gara fil-Belgju jsehh hawn. Oh li kieku nista’ ngorr azzarin minflok dan il-bastun!” temm jghidilha, filwaqt li sabbat tnejn il-bastun ma’ l-art.

Madame Meraut hadet nifs ‘l gewwa. “Ghalkemm jiena mara, jiena wkoll nixtieq niggieled lil invasuri. Imma gialadarba ma nistax ingorr azzarin, nuza l-energija kollha tieghi fl-ixkupa biex innadaff il-knisja.”

“Hija tassew l-unika triq ghan-nisa, tfal. Jisghobbija li ma nistghax naghmel bhalkom, ” qal b’dispjacir Henri.



“Mhux moghti lilna li naghzlu dak li nixtiequ naghmlu. Kieku Alla riedna niggieldu, kien jaghtina l-qawwa li naghmlu dan,” wegbitu lura Madame Meraut.

Henri xengel tnejn rasu. “Nixtieqni li kont zgur minn hekk, ghaliex ser ikun hemm bzonn ta’ kull min jista’ jiggieled fi Franza, jekk dak li nisimghu huwa minnu. Jinghad li l-Germanizi qasmu l-fruntiera ta’ Franza u l-armata irtirat. It-toroq huma mimlija refugjati li qed igibu maghhhom l-ahbar li l-Germanizi diga’ waslu sal-Wied ta’ Aisne.”

“Jekk inhu hekk, dawn qeghdin wara biebna,” sahqet Madame Meraut. “Ghajdut, hmerijiet. Jisimghu biss lil qalbhom li ma tiddettalhomx hlief biza’. Ghalija nghid, li

ma nemmix qabel ma nara b'ghajnejja. Jiena nafda fl-Armata daqs li nafda f'Alla u l-Qaddisin."

"Ammen," wiegeb Henri bid-devozzjoni.

Kien f'dan il-mument li l-bieb iz-zghir tal-knisja nfetah u dahlu il-grupp tat-tfal ghall-katekizmu. Imlew it-tempju ta' Alla bl-ilhna u l-hoss tal-passi taghhom.



Henri uriehom b'subghajh li ghandhom iharsu s-silenzju fid-dar ta'Alla. Il-hsejjes battew minnufih. Il-grupp ghadda minn quddiem l-artal tas-Sagrament, kull wiehed u wahda ghamlu genuflessjoni, u ghaddew minn quddiem Madame Meraut biex jidhlu fil-kappella jistennew lil Abbati jigi u jezaminhom fit taghlim tal-katekizmu. Pierre u Pierette kienu fuq quddiem net u Madame Meraut hassitha kburija hekk kif dawn uliedha nefhulha bewsa minn fuq wicc idejhom waqt li ghaddew minn quddiemha. Kienu tewmin. Pierrette kellha xaghar iswed

innukklat u ghajnejha blu filwaqt li huwa kien daqsxejn twil b'xehta ta' zaghzugh. Kellhom biss 9 snin.

Madame Meraut kienet taf hafna mit-tfal li kienu jattendu ghall-katekizkmu bi thejjija ghall-Grizma ta' l-Isqof ghaliex kienu bosta l-hbieb tal-klassi ta' l-iskola ta' uliedha.  Kien hemm Paul it-tifel tal-lukandier, flimkien ma' ohtu, Marie, Victor li kien iben is-sagristan tal-Katidral u tant u tant ohrajn li kollha sellmu lil Madame Meraut meta ghaddew minn quddiemha u l-mara sellmitilhom lura.

Malli daqq l-arlogg tal-katidral, l-Abbati avvicina l-kappella. Il-klassi qamet bilwieqfa bhala sinjal ta' rispett. Sellmilhom u mbaghad dawwar dahru lejhom biex imil quddiem il-kurcifiss espost fil-kappella.

Madame Meraut u Henri marru jkomplu xogholhom f'partijiet ohra tal-katidral u l-Abbati beda' l-ezami. Staqsa lit-tfal biex flimkien jirrecitaw flimkien il-Missierna, il-Kredu u l-Ghaxar Kmandamenti u meta ra li ghamlu hekk minghajr zball fahharhom. "Tassew bravi. Imma issa irrid nara jekk kull wiehed u wahda minnkom jaslux biex jaghmlu hekk minghajr zball. Insejjah lill…." U waqaf u dawwar harstu mall-klassi bhallikieku qed ifittex lil xi hadd li jista' jaghmel hekk, minghajr ebda zball.

Tlett ibniet, Genevieve, Virginie, u Pierrette, mhux talli ghollew idejhom, imma xejruhom bla hniena fl-arja, imma l-Abbati ippretenda li mhux qed jarahom. Minflok



harstu waqfet fuq Pierre, li harsitu kienet mitfugha fuq is-saqaf, bit-tama li ma jarahx. "Pierre," ghajjat l-Abbati u ghas-sejha ta' ismu Pierre qam bil-wieqfa kontra qalbu. "Tista tirrecita l-Ghaxar Kmandamenti."

Pierre beda' tajjeb imma meta sakemm wasal fil-hames kmandament. "Il-hames la toqtolx." Imma wehel. Ta'daqqa ta sieq hafifa lil ohtu, bit-tama li tghinu, izda Pierrette naqset taghmel dan. Hsieb gera' f'mohhu. "Nistaqsi mistoqsija u fil-waqt li l-Abbati jkun qed iwegibni, forsi niftakar."

U bl-lehnu gholi staqsa, "Jekk joghgbok, reverendu, ma nistax nifhem dan il-kmandament. Jghidlek la toqtolx u madanakollu is-suldati taghna marru ghall-gwerra apposta biex joqtlu l-Germanizi, u fuq kollox is-sacerdoti

jaghtuhom il-barka taghhom waqt li qed jimmarcjaw ghat-taqtiegha."

Kienet tassew mistoqsija flokha u tajba ghall-ahhar. Il-klassi kollha baqghet miblugha li kellu l-kuragg jaghmel dik il-mistoqsija. L-Abbati waqaf jahseb ghal ftit sekondi, imbaghad staqsa hu lil Pierre, "Jekk inti Pierre kellek tispara ghall-bniedem biex tisraqlu flusu, tahseb li tkun qed taghmel xi haga hazina?"

"Iva," wiegbet il-klassi kollha.

"Tajjeb hafna, qal l-Abbati, "U hekk hu. Issa jekk tara qattiel jattakka lil ommok jew lil ohtok u toqtlu qabel ma jirnexxilu jwettaq il-hsieb malizzjuz tieghu, tahsbu li hija l-istess haga?"

"Le", wiegbet il-klassi mhux daqshekk konvinta u xi ftit fid-dubju.

"Jekk flok tiddefendi lil ommok jew lil ohtok, inti thalli kollox ghaddej u tippermetti lill-qattiel joqtolhom it-tnejn, inti tkun qed tghin lill-qattiel, mhux hekk? Hekk hu llum dak li qed isehh fi Franza. Ghadu qed ifittex li joqtolna biex jisraqilna il-pajjiz sabieh taghna. Alla jara l-qlub. Hu jaf li s-suldati ta' Franza mhux sejrin biex joqtlu l-Germanizi, imma biex isalvaw lil Franza. Sfortunatament hija l-unika triq biex insalvaw il-hajjiet tal-Francizi. U

niftakru li s-suldati jaghmlu dan b'periklu ghal hajjithom, ghax jistghu jmutu wkoll. Hija haga li toqtol bhalma jaghmel qattiel, izda ohra li tkun lest li tmut biex isalva hajjet l-ohrajn. Ikun imbierek il-Mulej…."

L-Abbati gholla idejh biex jaghmel is-sinjal tas-Salib, imma idu baqghet fl-arja. Dak li kellu jghid qatt ma intqal ghaliex f'dak il-mument il-qampiena l-kbira tal-Katidral bdiet issemma t-tokki taghha. Ma kienx l-arlogg idoqq biex juri x'hin sar, anqas ma kienu l-qniepen isejhu lill-fidili ghat-talb jew xi mota ta' ferh. Minflok kien il-hoss terribbli tal-qampiena ta' l-allarm twissi lin-nies ta' Rheims li l-Germanzi kienu wara biebhom.

It-tfal kollha qamu minn posthom biex jigru 'l barra, imma l-Abbati waqqahom u ordnalhom jibqghu fejn kienu.

"Thallu lil hadd johrog mill-Katidral," ordna l-Abbati. Kien dak il-hin li Madame Meraut dehret fil-kappella u fittxet lil uliedha u warajha wasal Henri jigri kemm ituh saqajh dghajfa. "Inhalli lil dawn it-tfal fil-kura taghkom. Thallu lil hadd jitlaq sakemm nigi lura," ordna l-Abbati.  U bla ma qal kelma ohra, gheb fid-dellijiet.

Madame Meraut qaghdet bilqieghda fuq wiehed mis-siggijiet li tant farfret bil-galbu u gabret madwarha lit-tfal



imwerwra bhalma tigiega tigbor lill-flieles taghha taht gwenhajha.

"Araw," qalet Meraut hekk kif meshet xi demghat fit-tarf tal-fardal, "Ejjew inhallu d-dmugh sakemm inkunu nafu ghal xiex verament ghandna nikbu. Is-subien ghandhom ikunu kuraggjuzi, jigri x'jigri, u l-bniet certament jiftakru li kienet tfajla li darba salvat lil Franza u ltaqghet ma' l-isfortuna bil-kuragg. Hija l-imqaddsa Santa Jeanne d'Arc."

Meta wasal l-Abbati kullhadd dar madwaru jistennieh jaghti l-ahbarijiet.

L-Abbati kien isfar mewt, imma vucitu ferma. "Tlajt fuq il-kampnar tat-tramuntana u harist kemm lejn il-Lvant u kemm lejn t-Tramuntana. Hemm migbura l-armata germaniza. Id-direzzjoni taghhom hija Rheims. It-toroq huma mimlija nies li qed jaharbu minn djarhom minhabba l-biza tal-Germanizi. Sakemm Alla ma jibghatx

miraklu, il-Belt tagħna hi tabilhaqq destinata, ghall -inqas ghal xi zmien, biex tilbes il -madmad Germaniz."

Ghal dan il-kliem it-tfal bdew jikbu, imma Madame Meraut sabbrithom kemm setghet u felhet. “Tikbux gheziez, Alla mhux mejjet u nghixu biex naraw il-gustizzja tieghu postha kif jixraq u l-ghaziza artna mill-gdid moghtija lilna. Is-suldati qeghdin fit-toroq jiddefenduna bil-qlubija kollha taghhom. Ahna nkunu nistghu nirritornaw lura f’darna qawwija u shah gewwa darna, minkejja l-periklu li qed niffacjaw.”

“Isaw tfal,” qalilhom l-Abbati. “Ma hemmx hin x’nahlu. Il-Germanizi daqt jghaddu minn hawn. Morru d-dar bla dewmien u tnikkir. Henri, inti ibqa’ hawn ma’ ibnek Jean, ghal xi genituri li jigu ghal uliedhom. Dawk li ma jinbagrux mill-genituri taghhom jiena nnifsi ser inwassalhom id-dar qawwijin u shah.”

Fil-pjazza kien hemm ix-xbieha ta’ San Jeanne d’Arc fuq iz-ziemel. Hekk kif Madame Meraut harget mill-katidral, gholliet lehinha u talbet hekk: “Santa Jeanne D’Arc ismaghna mill-genna u ghal darb’ohra salva lil Franza sabieha taghna.” Imbaghad sellmet lil Henri u lil ibnu Jean li akkumpanjawhom sal-bieb u filwaqt li hadet idejn it-tfal ghaddiet mill-pjazza sa ma waslet f’darha.

